MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 569/2013

**GO p.l.c. (C-22334)**
**Vs**
**Anthony Micallef (K.I. 164646M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ppremettiet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, mija u wiehed u hamsin ewro u hamsa u ghoxrin centezmi (€1151.25) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40167386 moghtija mis-socjeta’ attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 – estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY4 – kopja ta’ ittra ufficcjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitlu 12; illi l-konvenut ġie nterpellat sabiex iħallas izda baqa’ nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil- 5 ta' Novembru, 2013 mill-Avukat Dott. Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf, mija u wiehed u hamsin ewro u hamsa u ghoxrin centezmi (€1151.25) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------